



Lussemburgu, 12 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11433/20

COPS 309
POLMIL 131
COWEB 129
CFSP/PESC 795
CSDP/PSDC 457
BIH 19

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: CSDP/PSDC 454 BIH 17	11402/20 COPS 305 POLMIL 130 COWEB 126 CFSP/PESC 790
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ottubru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-
Ħerzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea, kif adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-12
ta' Ottubru 2020.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IL-BOŻNIJA-HERZEGOVINA
/OPERAZZJONI EUFOR ALTHEA**

1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrän. Bl-elezzjonijiet lokali li ser isiru fil-pajjiż fil-15 ta' Novembru 2020, il-Kunsill jilqa' l-fatt li għall-ewwel darba mill-2008 'l hawn ser isiru wkoll l-elezzjonijiet lokali fil-belt ta' Mostar fl-20 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill jappella lill-atturi politiċi kollha biex iżommu lura minn retorika provokattiva u diviżiva matul il-perijodu elettorali u biex jiffokaw fuq l-indirizzar tal-14-il prijorità ewlenin identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għal sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019, u f'konformità mal-interessi taċ-ċittadini kollha biex isir progress lejn l-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kunsill jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li fis-segwitu tar-Reviżjonijiet Strateġiċi tal-2017 u l-2019 reġgħet iffokat fuq il-mandat ewlieni tagħha, filwaqt li żammet it-taħriġ kollettiv bħala kompit tal-Operazzjoni. F'dan il-kuntest, bħala parti mill-istrateġija ġenerali tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-UE tinsab lesta li tkompli l-mandat eżekuttiv tal-Operazzjoni biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina biex iżommu l-ambjent sigur u mingħajr periklu, fuq awtorizzazzjoni mġedda tan-NU.
3. Il-Kunsill jinnota l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19 u jfaħħar lill-Operazzjoni talli baqgħet kompletament operazzjonali u tkompli tappoġġa lill-pajjiż f'dawn iż-żminijiet diffiċli.
4. Il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni tar-Rieżami Strateġiku li jmiss sa nofs l-2021 bħala bażi għad-diskussjoni dwar il-kompiti futuri tal-EUFOR u t-triq 'il quddiem tal-Operazzjoni, filwaqt li titqies ukoll il-ħtieġa tal-appoġġ tal-progress tal-Bożnija-Herzegovina fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fl-UE u jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fuq il-post.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa ta' EUFOR Althea ma' atturi internazzjonali oħra fuq il-post.
 6. L-UE tkompli thegheg lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, biex iżommu l-isforzi tagħhom biex ikomplu jindirizzaw ir-rimi ta' munizzjon żejjed, l-armi u tagħmir splussiv, kif ukoll it-tneħħija ta' mini.
-